**14 ta' Marzu, 1946.**

**Imhallef :**

**L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

**Rinaldo Wismayer** *versus* **Mario Wismayer ne.**

**Legat — Immissjoni fil-Pussess — Art. 703 tal-Kodici Civili.**

*Il-legatarju ghandu jitlob l-immissjoni fil-pussess tal-legat lill-eredi.*

*Meta l-legatarju huwa wiehed mill-istess werrieta, il-formalità tat-talba ghall-immissjoni fil-pussess hija dejjem mehtiega ghall-porzjonijiet li l-legatarju ghandu jiehu minn ghand il-koeredi.*

*Jekk l-imsejhin ghall-wirt ma jkunux accettaw l-eredità, it-talba ghall-immissjoni fil-pussess tal-legat issir kontra l-eredità rappreżentata minn kuraturi.*

*Meta l-legat ma jkunx f'idejn il-persuna li tiġi mharrka biex timmetti lill-legatarju fil-pussess tal-legat, it-talba ghall-prestazzjoni tal-legat ma tistax tiġi proceduta fl-istess ġudizzju. Dik it-talba ghandha tkun ta' rivendika ta' l-oġġett tal-legat kontra min ikollu materjalment f'idejh dak l-oġġett, bl-intervent ta' l-eredi jew ta' l-eredità biex jaghtu l-adeżjoni taghhom ghat-tradizzjoni tal-legat.*

Il-Qorti — Rat ic-citazzjoni li biha l-attur ippremetta illi l-imsemmi Giuseppe Wismayer, b'testment ghand in-Nutar Enrico Saydon tas-7 ta' Lulju 1937 (Dok. A), halla b'titolu ta' prelegat lill-attur flimkien ma' hutu Ruggero u Francesco Giuseppe d-ditta "Gius. di R. Wismayer", l-avvjament, l-inkwilinat ta' l-ufficcju u l-mahżen, u l-mobbli ta' l-ufficcju, biex flimkien jeżercitaw il-kummerc tat-testatur, u ordna wkoll li

l-kapitali u l-kreditu, it-titoli u l-merkanzija, kellhom jibqghu f'idejn l-attur u huwa biex ihaddimhom fil-kummerċ; u li l-attur ghandu interess li jidhol fil-pussess legali tal-legat fuq imsemmi; u talab li l-konvenuti nomine jiġu kundannati jimmettu lill-attur fil-pussess ta' l-imsemmi legat, fil-kwota lilu *ahdol-lija*, u konsegwentement jipprestawlu l-istess legat *ghall-finijiet kollha* tal-liġi. B'riżerva ta' *drittijiet ohra u bl-ispejjeż* kontra l-konvenuti nomine, li ghandhom jidhru ghas-subizzjoni;

***Omissis;***

**Ikkunsidrat;**

Illi *fl-artikolu erbgha* tat-testment ta' *Giuseppe* Wismayer, *missier* l-attur, fl-attijiet tan-Nutar Enrico Saydon tas-7 ta' Lulju 1937, hemm inholli prelegat tad-ditta "Gius. di R. Wismayer", kompriż l-avvjament, l-inkwilinat ta' l-uffiċċju u l-mahżen u l-mobbli ta' l-uffiċċju, lit-tlitt uliedu, wiehed **minnhom l-attur, sabiex flimkien ikomplu** l-kummerċ tat-testatur missierhom;

Illi skond l-art. 763 Kodiċi Ċivili, Kap. 23, il-legatarju ghandu jitlob lill-werrieta l-pussess tal-haġa inholliija legat — *prinċipju li ġej minn dak* tad-Dritt Ruman "Aequissimum *praetori visum est unumquemque non sibi ipsum jus dicere, occupatis* legatis sed ab haerede petere" (*Lex. 1*, para. 2, Dig. quod legatorum);

Illi ghalkemm l-attur hu wiehed mill-werrieta stess (ara artikolu ghaxra tat-testment), il-formalità tat-talba tal-pussess hu dejjem mehtieġa ghall-porzjonijiet li ghandu jiehu mill-koeredi (Merlin, Voce Legatario, Kap. V, para. VI, paġina 588);

Illi f'dan il-każ il-kjamati ghall-wirt ta' Giuseppe Wismayer ghandhom ma aċċettawx il-wirt, u ghalhekk l-attur aġixxa *kontra kuraturi* tal-wirt li ghadu ġjaċenti. Dan jista' jsir, jghid ir-Ricci (Vol. III, para. 391, nota, pag. 879), "*ove non* fosse possibile domandare il possesso all'*erede per* essere questo ignoto, o rinunziante, o sostituito sotto condizione, il possesso va chiesto al legittimo rappresentante dell'eredità .........." L-istess haġa tista' tiġi agevolment desunta mill-kliem li hemm fis-sentenza ta' din il-Qorti "Bugeja vs. Farrugia", 22 ta' Jannar 1877, "è legale il possesso del legatario, sebbene non ottenuto *dall'erede* od altro rappresentante l'eredità .........." F'dan

il-każ, għall-finijiet ta' din id-domanda, il-kuraturi huma l-leġittimi rappreżentanti ta' l-eredità;

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-provi deher li l-attur ma għandux il-pussess, la b'immissjoni stragudizzjali, u lanqas b'detenzjoni taħt titolu ieħor, jew b'xi mod ieħor (ara s-sentenza issa ċitata, u r-Ricci, loc. ċit., nota 3, pagina 878);

Illi ġie ppruvat illi l-oġġett ta' dan il-prelegat jinsab "de facto" f'idejn ħut l-attur, Ruggero u Francesco Giuseppe. Jinsab għandhom bħala terzi, għaliex, għad li huma wkoll prelegatarji ma' l-attur, ma jidherx li talbu l-immissjoni fil-pussess, u għad li huma koeredi ma jidherx li sa issa aċċettaw l-eredità;

Illi d-domanda ta' l-attur hija dupliċi—għall-immissjoni fil-pussess u għall-prestazzjoni konsegwenzjali tal-prelegat;

Illi kwantu għall-ewwel parti tat-talba, din hi sewwa, avvolja l-kuraturi nomine ma għandhomx materjalment f'idejhom il-ħaġa prelegata, li, kif ingħad, tinsab għand ħut l-attur bħala terzi. U jingħad li din il-parti tat-talba hi sewwa, għaliex fi kwalunkwe każ it-talba tal-pussess għandha ssir fil-konfront ta' l-eredi jew ta' l-eredità, bħala dawk jew dik li għandhom il-pussess leġittimu; anki jekk ma għandhomx il-pussess materjali, konformement għall-art. 763, li jsemmi l-werriet bħala dak li lilu għandha ssir it-talba (ara Fadda, komm. art. 862-863, para. 133);

Illi t-tieni parti tat-talba hi dik tal-prestazzjoni effettiva tal-legat. Il-pussess infatti jiġi akkwistat bit-talba għall-immissjoni (din hi l-ewwel parti tad-domanda) u bit-tradizzjoni li jagħmel l-eredi (din hi t-tieni parti tad-domanda odjerna). Issa, peress li fil-fatt l-oġġett tal-prelegat jinsab f'idejn iż-żewġ ħut l-attur fuq imsemmijin, għalhekk, għal dak li jirrigwarda l-prestazzjoni effettiva, l-azzjoni kellha tkun dik tar-rivendika kontra tagħhom bħala terzi, bl-intervent dejjem ta' l-eredi jew ta' l-eredità, biex dawn jew din jaderixxu għat-tradizzjoni u jkun salvat il-prinċipju ta' l-art. 763 Kodiċi Ċivili (Fadda, loc. ċit., para. 134 u 135; Cattaneo e Borda, nota 2 għall-art. 863; Ricci, loc. ċit., parti finali, para. 391). It-talba tal-prestazzjoni effettiva għalhekk ma tistax tiġi provvduta, fin-nuqqas tal-kontradittur tagħha, li huma dawk li fil-fatt qegħdin fil-pussess ta' l-oġġett tal-prelegat; salva kull azzjoni oħra ta' l-attur;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' t-talba, fis-sens li tikkundanna l-eredità ġjaċenti kif rappreżentata biex timmetti lill-attur fil-pussess *tal-kwota* tiegħu tal-prelegat, *għall-finijiet* ta' l-art. 763 Kodiċi *Ċivili*, Kap. 23, fis-sens li *l-eredità* kif rappreżentata tagħti l-adeżjoni tagħha għall-kunsinna ta' dik il-kwota lill-attur minn min qiegħed jippossjediha; bl-ispejjeż kontra l-kuraturi nomine.